



**OPINJONI NRU 07/2011**

**TAL-AĠENZIJA EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI**

tat-13 ta' Diċembru 2011

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jstabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom**

**U**

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol**

**U**

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (UE) Nru xxxx/2012 li jstabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-Operazzjonijiet tal-Ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**U**

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1178/2011 li jstabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġ tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**'Dejta tal-Adegwatezza Operattiva'**

### Sommarju Eżekuttiv

Din l-Opinjoni tipproponi diversi bidliet fir-regoli ta' implimentazzjoni biex jiġi introdott il-kunċett tad-Dejta tal-Adegwatezza Operattiva (OSD). Il-kunċett tal-OSD ġie introdott fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 bħala parti mill-ewwel pakkett ta' estensjoni.

Ir-regoli l-ġodda ser jiżguraw li ċerta dejta meħtieġa għall-operazzjoni sigura tkun disponibbli u użata mill-operaturi. Din id-dejta hija kkunsidrata bħala speċifika għal tip ta' inġenju tal-ajru u għaldaqstant għandha tiġi prodotta mid-disinjatur ta' dak it-tip. Din tikkonsisti:

- fis-sillabu minimu tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' bdot;
- fid-dejta ta' referenza tal-inġenju tal-ajru għall-appoġġ tal-kwalifika tas-simulaturi;
- fis-sillabu minimu tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' persunal;
- f'dejta ta' tip speċifiku għat-taħriġ tal-ekwipaġġ tal-kabina; u
- fil-lista definittiva ta' tagħmir minimu (MMEL).

L-OSD proposta mid-disinjatur ser tiġi approvata mill-EASA flimkien maċ-ċertifikazzjoni tal-ajrunavigabbiltà.

Ladarba tiġi approvata, l-operaturi u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom jużaw l-OSD meta jstabbilixxu l-korsijiet ta' taħriġ u l-MEL personalizzati tagħhom.

L-OSD mistennija tagħti kontribut għat-tnaqqis fid-differenzi bejn l-ajrunavigabbiltà u l-operazzjonijiet.

**Nota ta' Spjegazzjoni****I. Ġenerali**

1. L-għan ta' din l-Opinjoni huwa li jissuġġerixxi lill-Kummissjoni temenda r-Regolament (KE) Nru 1702/2003<sup>1</sup>, ir-Regolament (KE) Nru 2042/2003<sup>2</sup>, ir-Regolament (UE) xxxx/2012<sup>3</sup> u r-Regolament (UE) 1178/2011<sup>4</sup>. L-għan ta' din l-attività ta' regolamentazzjoni huwa spjegat fit-Termini ta' Referenza (ToR) 21.039 u qed jiġi deskritt f'aktar dettall hawn taħt.
2. L-Opinjoni ġiet adottata wara l-proċedura speċifikata mill-Board tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni<sup>5</sup> (minn hawn 'il-quddiem l-'Aġenzija'), skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008<sup>6</sup> (minn hawn 'il quddiem ir-'Regolament Bażiku').
3. Ir-regola proposta qieset l-iżvilupp tal-Liġi internazzjonali u tal-Unjoni Ewropea (ICAO), u l-armonizzazzjoni mar-regoli ta' awtoritajiet oħra tas-sħab ewlenin tal-Unjoni Ewropea kif stabbilit fl-għanijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku. Ir-regola proposta:
  - a. hija 'l fuq mill-Istandards u l-Prattiċi Rakkomandati (SARPs) tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO). Il-prodotti tal-proċess tad-dejta tal-adeqgħatezza operattiva (OSD), is-sillabi tat-taħriġ u l-Lista Definitiva ta' Tagħmir Minimu (MMEL) huma meħtieġa biex jiġu stabbiliti korsijiet ta' taħriġ u MEL li huma meħtieġa wkoll fl-Annessi 1 u 6 tal-ICAO. Madankollu, ir-rekwiżit biex tiġi stabbilita OSD mill-manifattur tal-inġenju tal-ajru bħala parti mill-proċess ta' ċertifikazzjoni tat-tip mhuwiex inkluż fl-Anness 8 tal-ICAO.
  - b. tmur lil hinn minn dawn il-punti li ġejjin mir-regoli tal-FAA tal-Istati Uniti u r-regoli tat-Transport Canada (TCCA). L-FAA u t-TCCA, it-tnejn li huma għandhom proċessi għall-valutazzjoni tal-adeqgħatezza operattiva tat-tipi ta' inġenji tal-ajru ġodda u derivattivi. Ir-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet jintużaw għall-pubblikazzjoni ta' MMEL li tkun stabbilita minn awtorità jew għall-approvazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ għal ekwipaġġ tal-kabina u tat-titjira. Madankollu, il-valutazzjoni operattiva ma titlob l-ebda kontribut mandatorju mill-manifatturi tal-inġenji tal-ajru.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatati jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6). Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1194/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 (ĠU L 321, 8.12.2009, p. 5).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1). Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (UE) Nru 1149/2011 tal-21 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 298, 16.11.2011, p. 1).

<sup>3</sup> Ir-'Regolament OPS', li għandu jiġi ppubblikat.

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

<sup>5</sup> Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija dwar il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Speċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida (Proċedura ta' Regolamentazzjoni). EASA MB 08-2007, 13.06.2007.

<sup>6</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.03.2008, p. 1). Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament 1108/2009 tal-21 ta' Ottubru (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51).

4. Fil-preżent l-approvazzjoni ta' dejta meħtieġa għall-operazzjoni sigura ta' tip partikolari ta' inġenju tal-ajru, bħas-sillabu minimu għat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' bdot, it-taħriġ tat-tip ta' ekwipaġġ tal-kabina u l-MMEL, taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Nazzjonali (NAA). Biex tiġi promossa l-uniformità, l-membri tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Konġunta (JAA) ddeċidew li jsegwu proċess ta' approvazzjoni wieħed fil-każi kollha - il-Bord Konġunt għall-Evalwazzjoni tal-Operazzjonijiet (JOEB). Kull JOEB kien stabbilit fuq bażi ta' każ b'każ u magħmul minn partijiet interessati rilevanti, inklużi awtoritajiet li mhumiex JAA, jekk ikun xieraq, biex jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet operattivi għall-użu ta' tip ta' inġenju tal-ajru li jwassal f'rakkomandazzjonijiet għat-taħriġ tat-tip u l-MMEL. Il-proċess tal-JOEB taħt il-kappa tal-JAA kien proċess volontarju. Minkejja din l-attività konġunta, kull awtorità involuta kellha tittrasponi r-rakkomandazzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fis-sistema amministrattiva. Għaldaqstant ir-riżultat finali jista' jkun differenti minn dak li jirriżulta mill-proċess tal-JOEB. Wara t-tneħħija tal-JAA fl-2008, il-proċess tal-OEB tkompla taħt il-patroċinju tal-Aġenzija, bi qbil mal-awtoritajiet li qabel kienu membri fil-JAA. Dan baqa' proċess volontarju.
5. Il-proċess tal-(J)OEB ma kienx jinkludi valutazzjoni tas-sillabi minimi tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' persunal għaċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni. Għalhekk il-korsijiet ta' taħriġ għal dan il-persunal ġew żviluppati u approvati taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali, abbażi tar-rekwiżiti ġenerali tal-Parti-66. Dawn il-korsijiet jistgħu jvarjaw mhux biss fit-tul, iżda anki fis-suġġetti inklużi.
6. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tat-twaqqif tas-sistema tal-EASA kien li jipprovdi għall-uniformità. Għalhekk fl-Opinjoni tagħha Nru 3/2004<sup>7</sup> li temeda r-Regolament Bażiku, l-Aġenzija rakkomandat li l-informazzjoni operazzjonali relatata mat-tip bħall-informazzjoni żviluppata taħt il-proċess tal-(J)OEB, għandha tkun mandatorja għall-inġenji tal-ajru kollha li jkunu operati minn operaturi tal-UE. Dan jista' jintlaħaq billi tiġi adottata Deċiżjoni mill-Aġenzija li tkun ibbażata fuq emenda għar-Regolament Bażiku. Madankollu l-Kummissjoni Ewropea qieset li tali Deċiżjoni tista' tiġi adottata biss mill-Aġenzija jekk din tkun marbuta b'mod dirett mal-prodott li tkun relatata miegħu (Deċiżjoni individwali b'destinatariju ċar). Skont l-interpretazzjoni tagħha tat-Trattat tal-KE u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-aġenziji ma jistgħux jistabbilixxu standards vinkolanti li jkunu applikabbli b'mod ġenerali. Għaldaqstant il-proposta għall-emenda tar-Regolament Bażiku kienet mibdula biex b'hekk dawn l-elementi operattivi addizzjonali setgħu jiġu approvati mill-Aġenzija billi jintrabtu mat-TC tal-inġenju tal-ajru.
7. Il-Kummissjoni Ewropea aġġustat l-Opinjoni tal-Aġenzija Nru 3/2004 biex tieħu kont tal-limitazzjonijiet legali msemmijin hawn fuq, u pproponiet li l-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali għall-operazzjoni ta' tip ta' inġenju tal-ajru partikolari għandhom jiġu stabbiliti bħala parti miċ-ċertifikazzjoni tal-prodott. Għaldaqstant l-elementi li ġejjin ġew introdotti fl-Artikolu 5(5)(e) tar-Regolament Bażiku:
- (iv) *'is-sillabi minimi tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' persunal għaċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni biex tiġi żgurata l-konformità mal-paragrafu (2)(f);*
- (v) *is-sillabi minimi tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' bdot u l-kwalifika ta' simulaturi assoċjati biex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 7;*

<sup>7</sup> Opinjoni Nru 3/2004 tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni għall-emenda tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbli l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea, biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għar-regolament tal-għoti ta' liċenzji lil bdoti, l-operazzjonijiet tal-ajru u l-inġenji tal-ajru ta' pajjiżi terzi, 16 ta' Diċembru 2004. (<http://www.easa.europa.eu/agency-measures/opinions.php#2004>).

(vi) *il-lista definittiva ta' tagħmir minimu kif xieraq u speċifikazzjonijiet addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà għal tip partikolari ta' operazzjonijiet biex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 8'.*

8. Dawn id-dispożizzjonijiet ġew adottati bħala tali mil-Leġiżlatur. Is-suġġett ta' din l-Opinjoni huwa d-definizzjoni tal-kundizzjonijiet illi taħthom ser jiġu implimentati dawn id-dispożizzjonijiet.

## II. Konsultazzjoni

9. L-Avviż ta' Emenda Proposta (NPA) 2009-01<sup>8</sup> li kien fih l-abbozz ta' Opinjonijiet għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 u r-Regolament (KE) 2042/2004 jew il-Parti-21 ġie ppubblikat fuq is-sit elettroniku (<http://www.easa.europa.eu>) fis-16 ta' Jannar 2009.
10. Sad-data ta' għeluq tat-30 ta' Ġunju 2009, l-Aġenzija kienet irċeviet 1011 kumment mingħand 80 Awtorità tal-Avjazzjoni Nazzjonali, organizzazzjonijiet professjonali u kumpaniji privati.
11. Sabiex tkun tista' tittratta dawn il-kummenti, l-Aġenzija stabbiliet grupp għar-reviżjoni tal-kummenti. Dan il-grupp kien magħmul minn membri tal-grupp ta' abbozzar inklużi żewġ esperti addizzjonali. Il-kompożizzjoni sħiħa tal-grupp ta' abbozzar kienet ippubblikata flimkien ma' aġġornament tat-ToR 21.039. Din kienet tinkludi esperti mill-industrija tal-manifattura, assoċjazzjonijiet tal-operaturi, assoċjazzjonijiet tal-persunal tal-avjazzjoni, u awtoritajiet tal-avjazzjoni nazzjonali u tal-EASA. Il-grupp ta' reviżjoni ltaqa' tliet darbiet fl-2009 u fl-2010. Il-kwistjonijiet kollha ġew diskussi b'mod estensiv fil-grupp, u minkejja li ma setgħax jintlaħaq kunsens sħiħ fuq il-kwistjonijiet kollha, l-Aġenzija abbozzat is-CRD u t-test li ntlaħaq qbil fuq abbażi tal-opinjonijiet tal-esperti individwali. L-opportunità ta' din il-proposta kienet tikkonsisti fl-introduzzjoni tal-bidliet fit-test tar-Regolament Nru 1702/2003 sabiex jiġi konformi mal-aħħar emenda tar-Regolament Nru 216/2008 kif rifless fir-Regolament Nru 1108/2009. Fl-Artikoli 18 u 19 il-ġodda t-terminu 'Kodiċi tal-Ajrunavigabbiltà' tħassar u għaldaqstant fir-Regolament 1702/2003 dan it-terminu kien sostitwit sistematikament bit-terminu 'Speċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni'.
12. Is-CRD ma segwiex il-format tradizzjonali. Fid-dawl tal-għadd kbir ta' kummenti mibgħuta u tal-bidliet magħmula fl-istruttura tat-test li rriżulta mill-inklużjoni tal-kummenti, l-Aġenzija ma kinitx tal-fehma li l-abbozzar ta' tweġiba għal kull kumment individwali kienet soluzzjoni vijabbli. Għalhekk l-Aġenzija adottat metodu alternattiv għall-ipproċessar tal-kummenti kollha. Il-metodu alternattiv kien is-sommarju tat-tweġibiet għall-kummenti. Dan l-approċċ kien appoġġjat mill-Kummissjoni u l-Bord tat-Tmexxija f'Settembru 2009. Il-kummenti kollha mibgħuta ġew irrikonoxxuti u mqassra fis-sommarju tat-tweġibiet għall-kummenti bit-tweġibiet ġenerali tal-Aġenzija. It-test finali, li ġie ppubblikat fl-Appendiċi 1 għal dan is-CRD, enfasizza l-bidliet apparagun mar-regoli attwali. Is-CRD ġie ppubblikat fit-13 ta' Mejju 2011. Il-bidliet ewlenin apparagun mal-NPA kienu dawn:
- Il-proposta tal-NPA tippredvi ċertifikat separat għall-approvazzjoni tal-elementi tal-adeqwatezza operattiva. Bis-CRD il-kunċett ta' ċertifikat separat ġie abbandunat. Il-proposta tbidlet b'tali mod li l-elementi tal-adeqwatezza operattiva huma approvati bħala OSD inkluża fiċ-ċertifikat tat-tip tal-inġenju tal-ajru (TC) jew iċ-ċertifikati tat-tip supplimentari (STC).
  - Fil-proposta tal-NPA, l-elementi tal-adeqwatezza operattiva kienu mandatorji għall-operaturi u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ fl-intier tagħhom meta dawn jistabbilixxu l-korsijiet ta' taħriġ u l-MEL tagħhom. Dan l-approċċ inbidel b'mod sinifikanti. Bis-CRD il-proposta taħseb għal bażi ta' OSD li ser tibqa' mandatorja għall-operaturi u

<sup>8</sup> Ara l-Arkivji tar-Regolamentazzjoni fuq [http://www.easa.europa.eu/ws\\_prod/r/r\\_archives.php](http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/r_archives.php).

L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ kif ukoll għal parti kbira ta' OSD li ser tikseb l-istatus ta' Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC). L-operaturi u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ mhux ser ikunu jistgħu jmorru lil hinn mill-parti mandatorja tal-OSD, ħlief permezz ta' bidla approvata mill-Aġenzija. Madankollu huma jistgħu jmorru lil hinn mill-partijiet tal-OSD li mhumiex mandatorji, dejjem taħt il-kontroll tal-awtorità (nazzjonali<sup>9</sup>) kompetenti permezz ta' AMC alternattivi.

- c. L-applikabbiltà tal-kunċett tal-OSC/OSD għal inġenji tal-ajru, bl-eċċezzjoni tal-inġenji tal-ajru b'magni kumplessi ma kinitx daqshekk ċara fl-NPA. Din ġiet iċċarata aktar fis-CRD. Il-konklużjoni ewlenija hija li l-biċċa l-kbira tal-elementi tal-OSD mhumiex applikabbli għall-inġenji tal-ajru fil-kategorija, bl-eċċezzjoni ta' daww b'magni kumplessi. F'aktar dettall:
- Ir-rekwiżit għal produzzjoni ta' sillabi minimi għat-taħriġ tat-tip ta' bdoti u ta' persunal tal-manutenzjoni huwa applikabbli biss meta l-inġenju tal-ajru jkollu klassifikazzjoni tat-tip. B'mod predefinit, inġenji tal-ajru żgħar ser jiġu inklużi fi klassifikazzjoni tal-grupp jew tal-klassi. Madankollu l-Aġenzija tista' tiddeċiedi fuq bażi ad-hoc li jkun hemm bżonn ta' klassifikazzjoni tat-tip minħabba l-prestazzjoni, id-disinn jew karatteristiċi oħra li jeħtieġu taħriġ speċifiku. Għall-biċċa l-kbira tal-inġenji tal-ajru dan mhuwiex il-każ u dawn ser jitpoġġew fi klassifikazzjoni tal-grupp jew tat-tip. Dwar il-fatt jekk tip ta' inġenju tal-ajru ġdid għandux ikollu klassifikazzjoni tat-tip jew jistax ikun fi klassifikazzjoni tat-tip, dan ser ikun parti mill-proċess ta' approvazzjoni tal-OSD u fl-aħħar nett ser jiġi deċiż mill-Aġenzija. Il-valutazzjoni hija bbażata fuq kriterji oġġettivi li ser jiġu inklużi fil-Materjal ta' Gwida. Meta ma tkunx meħtieġa klassifikazzjoni tat-tip għall-inġenju tal-ajru, dan ikun ifisser li l-elementi tal-OSD rilevanti ma jkunux meħtieġa<sup>10</sup>.
  - Id-dejta tas-simulaturi tkun meħtieġa biss meta s-sillabu għall-klassifikazzjoni tat-tip ta' bdot tinkludi l-użu ta' simulaturi tat-titjir sħaħ. Dan ġeneralment ma jkunx il-każ għal inġenji tal-ajru żgħar.
  - Id-dejta ta' tip speċifiku għat-taħriġ tal-ekwipaġġ tal-kabina tkun meħtieġa biss meta r-regoli operazzjonali jkunu jeħtieġu ekwipaġġ tal-kabina għall-kapaċità massima approvata ta' passiġġieri bilqiegħda<sup>11</sup>. Inġenji tal-ajru żgħar m'għandhomx dan in-numru ta' sedili tal-passiġġieri.
  - Ir-rekwiżit għall-istabbilmment ta' MMEL huwa applikabbli għall-inġenji tal-ajru kollha li jistgħu jintużaw għall-operazzjonijiet kummerċjali, peress li l-operaturi rilevanti għandu jkollhom MELs għal daww l-inġenji tal-ajru. Għaldaqstant dan ifisser li għall-biċċa l-kbira tal-inġenji tal-ajru ż-żgħar ser tkun meħtieġa MMEL. Madankollu sabiex jitnaqqas il-piż għall-applikanti tat-TC, l-Aġenzija ser tistabbilixxi MMELs ġeneriċi għall-biċċa l-kbira tal-kategoriji ta' inġenji tal-ajru permezz ta' CS iddedikat. L-applikant tat-TC għal inġenju tal-ajru fi ħdan daww il-kategoriji jista' jkun suffiċjenti biex jikkonferma li din l-MMEL ġenerika tkun xierqa għad-disinn tagħha. Bħalissa s-CS b'MMELs ġeneriċi għadu qed jiġi żviluppat.

13. Sad-data ta' għeluq tal-perjodu ta' reazzjoni tat-13 ta' Lulju 2011, l-Aġenzija kienet irċeviet 69 kumment mingħand 23 Awtorità tal-Avjazzjoni Nazzjonali, organizzazzjonijiet professjonali u kumpaniji privati.

14. Bħala riżultat tar-reazzjonijiet, il-proposti sarulhom dawn il-bidliet:

<sup>9</sup> F'każ ta' applikanti li mhumiex mill-UE, l-Aġenzija hija l-awtorità kompetenti.

<sup>10</sup> L-applikant jista' dejjem jipprovi b'mod volontarju sillabu minimu għat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip li għandu jiġi approvat taħt l-OSD.

<sup>11</sup> Fil-preżent għal konfigurazzjoni massima approvata tal-postijiet ta' bilqiegħda tal-passiġġieri ta' aktar minn 19.

- a. Id-dispożizzjoni ta' tranżizzjoni għall-proċessi ta' approvazzjoni li għaddejjin għall-STCs u l-bidliet għat-TCs kienet miżjuda mar-Regolament ta' kopertura. Din id-dispożizzjoni kienet nieqsa.
- b. Tneħħew ir-referenzi għad-dejta tal-adeqwatezza operattiva fil-punti 21A.3 u 21A.3B relatati mar-rappurtar tal-okkorrenzi u d-Direttivi tal-Agrunavigabbiltà. L-Aġenzija taqbel mal-kummenti li jgħidu li dawn ir-referenzi huma żejda għaliex malli l-OSD tkun parti mit-TC, il-kliem eżistenti tal-punti 21A.3 u 21A.3B jistgħu diġà jiġu interpretati bħala li jinkludu okkorrenzi u kundizzjonijiet relatati ma' OSD li mhumiex siguri.
- c. Il-kunċett ta' Direttivi għal Titjib fis-Sigurtà (SEDs) ġie abbandunat. Għalhekk il-punti 21A.3C u 21A.3D tħassru mill-proposta. L-Aġenzija rrikonoxxiet li l-kunċett ta' SEDs kien kumpless u xejn ma kien faċli biex jiġi implimentat, filwaqt li kien hemm disponibbli għodod regolatorji oħra biex jintlaħaq l-istess għan. L-għan tal-kunċett tal-SED kien ibbażat fuq żewġ kunċetti: li jippermetti lill-Aġenzija timponi rekwiżiti ta' ajrunavigabbiltà ġodda fuq disinji eżistenti, jiġifieri inġenji tal-ajru li għadhom jiġu prodotti jew li qegħdin jintużaw, u li jippermetti lill-Aġenzija timponi korrezzjonijiet fl-elementi ta-adeqwatezza operattiva. L-għan tal-aħħar ser jintlaħaq permezz tal-għodda eżistenti tad-direttivi tal-ajrunavigabbiltà (ADs). Peress li l-OSD ser tkun parti mit-TC, il-kamp ta' applikazzjoni tal-21A.3B li jittratta l-ħruġ ta' ADs ser jinkludi wkoll OSD. Għaldaqstant jekk ikun meħtieġ issir korrezzjoni b'mod urġenti lil OSD diġà approvata, dan ikun jista' jsir permezz tal-ħruġ ta' AD.
- L-imponiment ta' rekwiżiti ta' ajrunavigabbiltà ġodda fuq id-disinji eżistenti ser jitwettaq permezz ta' regoli ta' implimentazzjoni ġodda appoġġjati minn Speċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni. Dan ifisser li ser tinħoloq verżjoni inizjali ta' Anness ġdid għal Regolament 1702/2003 msejjaħ Parti-26 sabiex tittrasponi d-dispożizzjonijiet eżistenti tal-JAR-26<sup>12</sup>. Ir-rekwiżit ta' livell għoli, l-applikabbiltà u d-dħul fis-seħħ ser jiġu koperti mill-Parti-26. Id-dettalji tekniċi dwar kif għandha tintlaħaq konformità mar-rekwiżit ta' livell għoli ser ikunu disponibbli fi Speċifikazzjoni taċ-Ċertifikazzjoni CS-26 ġdid. Ir-rekwiżiti tal-Parti-26 jistgħu jkun applikabbli għall-operaturi iżda, skont il-kontenut tekniku, anki għad-detenturi tal-approvazzjoni tad-disinn. Kull darba li jkun meħtieġ jiġi impost rekwiżit ta' ajrunavigabbiltà ġdid, ser issir proposta ta' emenda għall-Parti-26. Il-verżjoni inizjali tal-Parti-26, is-CS-26 u l-emendi l-oħra sussegwenti ser isegwu l-proċess ta' regolamentazzjoni normali tal-EASA.
- d. Il-possibbiltà għall-applikant tat-TC li jitlob validazzjoni ta' elementi tal-adeqwatezza operattiva addizzjonali fuq bażi volontarja ġiet iċċarata aktar fil-proposta għall-emenda tal-Parti-21. Il-possibbiltà diġà kienet teżisti, iżda kienet moħbija taħt it-terminu ġenerali 'tip ta' operazzjonijiet'. Issa din saret aktar preżenti u b'mod prominenti fit-test tar-regola.
- e. L-obbligu li d-detenturi tat-TC tal-magna jipprovdu dejta lill-applikant tat-TC tal-inġenju tal-ajru li tippermetti t-tlestija tal-OSD b'dejta relatata mal-magna issa tħassar. L-Aġenzija rrikonoxxiet li l-arranġamenti eżistenti bejn l-applikanti/id-detenturi tat-TC tal-inġenju tal-ajru u tal-magna jistgħu jiġu estiżi sabiex jittrattaw l-OSD bla ma jinħoloq il-bżonn ta' rekwiżit iddedikat fil-Parti-21.
- f. Ir-rekwiżiti relatati mal-klassifikazzjoni tal-bidliet ġew issimplifikati. Fejn il-kliem kien 'bidliet fid-disinn tat-tip', dawn ġew emendati għal 'bidliet fiċ-ċertifikati tat-tip'. Peress li l-OSD hija inkluża fit-TC iżda mhux fid-disinn tat-tip, din l-emenda tippermetti li jiġi ssimplifikat it-test ulterjuri. Il-fatt li r-regola għall-klassifikazzjoni tal-bidliet fid-disinn tat-tip u l-OSD hija l-istess waħda ma jfissirx li dawn ser

<sup>12</sup> FI-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Konġunta (JAA) ntużaw Rekwiżiti tal-Avjazzjoni Konġunta JAR-26 biex jiġu stabbiliti ċerti rekwiżiti ta' ajrunavigabbiltà addizzjonali għall-operazzjonijiet mandatorji għal operaturi li kellhom jikkonformaw mal-JAR-OPS 1.

jamministraw l-istess proċess. Biex jiġi enfasizzat dan, ġie stabbilit rekwiżit għall-Aġenzija fit-Taqsima B li jispjega li l-klassifikazzjoni tal-bidliet fid-disinn tat-tip u l-OSD issir b'mod separat. L-AMC u l-Materjal ta' Gwida (GM) ser jiġu żviluppatti aktar ħalli jispjegaw aħjar dan (ara wkoll il-paragrafu (g) hawn taħt). L-Emenda ta' hawn fuq fir-rekwiżit għal klassifikazzjoni tal-bidliet tippermetti wkoll simplifikazzjoni fil-privileġġi possibbli għad-detenturi tal-Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni tad-Disinn (DOA). Il-privileġġ eżistenti għall-approvazzjoni ta' bidliet minuri ser ikopri kemm il-bidliet fid-disinn tat-tip u kemm il-bidliet fl-OSD.

- g. L-implimentazzjoni tar-rekwiżit li jiġu vvalutati l-bidliet tad-disinn tat-tip kollha għall-impatt tagħhom fuq l-OSD ġie pospost għal tliet snin oħra, jiġifieri għal wara li tidħol fis-seħħ ir-Regola emendatorja. L-industrija esprimiet tħassib serju dwar dan ir-rekwiżit minħabba l-piż amministrattiv addizzjonali mistenni fuq il-ġestjoni tal-klassifikazzjoni tal-bidliet u l-proċess ta' approvazzjoni saħansitra anki għall-biċċa l-kbira tal-bidliet li ma jkollhomx impatt fuq l-OSD. L-Aġenzija rrikonoxxiet dan it-tħassib u taqbel dwar il-fatt jenħteġ Materjal ta' Gwida ulterjuri għall-klassifikazzjoni tal-bidliet fl-OSD kif ukoll biex jiġi vvalutat l-impatt tal-bidliet tad-disinn fuq l-OSD. Din il-gwida tista' tiġi żviluppata matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin u tista' tkun ibbażata wkoll fuq l-esperjenza miksuba permezz tal-approvazzjoni tal-OSDs inizjali. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ser ikun hemm il-possibbiltà li jsiru applikazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-bidliet fl-OSD fuq bażi volontarja.

### III. Il-kontenut tal-Opinjoni tal-Aġenzija

#### A. Stabbilment tal-OSD mill-applikanti tal-approvazzjoni tad-disinn

15. Kif ġie spjegat hawn fuq, il-kunċett inizjali ta' approvazzjoni separata li jkopri l-adeqwatezza operattiva flimkien mat-TC issa ġie abbandunat. Dan ġie sostitwit bil-kunċett ta' OSD inkluż fit-TC. Fil-qosor il-kunċett huwa kif ġej:
16. Għal tipi ġodda<sup>13</sup>, l-applikazzjoni għal TC għandha tiġi supplimentata biż-żieda tal-elementi tal-OSD li għandhom jiġu approvati. L-applikant tat-TC ser ikollu bżonn juri l-konformità tiegħu mal-istandards tekniċi applikabbli. Dawn l-istandards huma inklużi fl-Ispesifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni (CSs) li jinħarġu mill-Aġenzija f'konformità mal-Proċedura ta' Regolamentazzjoni. Għandu jkun hemm CS għal kull element: CS-MMEL, CS-FC (taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' bdot), CS-SIM (Apparat ta' Taħriġ b'Simulatur tat-Titjir), CS-CC (taħriġ tat-tip tal-ekwipaġġ tal-kabina) u CS-MCS (taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' persunal għaċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni). Bħalissa dawn is-CSs kollha qegħdin jiġu żviluppatti u ġa huma jew se jrin ikunu miftuħin għal konsultazzjoni permezz tal-pubblikazzjoni ta' NPAs iddedikati apposta.
17. L-applikant tat-TC huwa obligat li juri konformità mal-istandards applikabbli għall-elementi tal-OSD kollha qabel ma jkun jista' jinħariġu t-TC. Madankollu ser ikun hemm il-possibbiltà li jdewwem il-wiri ta' konformità għal element tal-OSD wieħed jew aktar għal data wara l-ħruġ tat-TC, iżda finalment qabel l-operazzjoni minn operatur tal-UE.
18. Meta din tiġi approvata, l-OSD ser tiddaħħal fl-Iskeda Informattiva taċ-Ċertifikat tat-Tip (TCDS) iżda d-dejta fiha nfisha ser tinżamm mid-detentur tat-TC (b'mod simili bħal fl-Istruzzjonijiet għall-Ajrunavigabbiltà Kontinwa). Xi elementi mill-OSD ser ikollhom bżonn jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-operaturi u, wara talba, għal kwalunkwe entità li jkollha bżonn tikkonforma mal-kontenut tagħha.
19. L-applikant għall-OSD inizjali huwa d-detentur tal-OSD. Id-detentur tal-OSD jew kwalunkwe entità legali oħra jistgħu jipproponu bidliet fl-OSD inizjali skont il-kundizzjonijiet kif imposti mis-Subpartijiet D jew E tal-Parti-21. Dan ifisser li d-dispożizzjonijiet eżistenti għad-disinn tat-tip ser japplikaw ukoll għall-bidliet fl-OSD. Meta

<sup>13</sup> Tip ġdid ifisser tip ta' inġenju tal-ajru li għalih l-applikazzjoni għat-TC issir wara d-dħul fis-seħħ tal-emenda għar-Regolament 1702/2003 li tirriżulta minn din l-Opinjoni.



tiġi żviluppata bidla, l-applikant għandu jivverifika jekk l-bidliet ikollhomx impatt fuq wieheh jew aktar mill-elementi tal-OSD approvati. Jekk l-elementi tal-OSD ikun affettwati (pereżempju l-istrumenti u l-avjonika tal-gverta tat-titjira jiġu aġġornati u b'hekk ikun meħtieġ taħriġ rivedut jew addizzjonali għall-bdoti), l-applikant għandu jissupplimenta wkoll l-applikazzjoni tiegħu bil-bidliet meħtieġa fl-OSD. Kif spjegat hawn fuq fid-diskussjoni dwar il-bidliet fil-proposta li tirriżulta mir-reazzjonijiet tas-CRD, ir-rekwiżit li jiġi vvalutat kif il-bidliet kollha fid-disinn ser ikollhom impatt fuq l-OSD issa ġie postpost bi tliet snin.

#### B. L-użu tal-OSD minn operaturi u organizzazzjonijiet tat-taħriġ

20. L-OSD approvata ser tintuża mill-operaturi u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ bħala l-bażi għall-istabbiliment ta' korsijiet ta' taħriġ tat-tip u MEL personalizzati. Id-dejta tas-simulatur approvata ser tintuża għall-valutazzjoni tas-simulaturi u għaldaqstant hija meħtieġa għall-operaturi tas-simulaturi. Kif spjegat hawn fuq, parti mill-OSD ser tkun mandatorja għall-operaturi u għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ mentri parti oħra mhux ser tkun mandatorja u mhux ser ikollha l-istatus ta' AMC. Għalhekk jenħtieġ li r-regoli u l-AMCs li jirrigwardaw it-taħriġ tat-tip u l-MEL jindirizzaw l-operaturi u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ li jkollhom rabtiet mal-OSD. Fit-test finali tal-abbozz tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Liċenzji lill-Ekwipaġġ tat-Titjira<sup>14</sup>, bosta mir-rabtiet mal-OSD kienu diġà ġew inklużi. Madankollu wħud mir-rabtiet kienu neqsin, u barra dan, id-dispożizzjoni ta' tranżizzjoni ma kinitx inkluża. Fl-abbozz tar-Regolament dwar l-Operazzjonijiet<sup>15</sup> bosta mir-rabtiet ġew inklużi biss b'mod proviżorju u ma sarux b'mod speċifiku. Għalhekk jenħtieġ li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu rfinati iżjed. Barra dan id-dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni għadhom ma ġewx inklużi. Fl-Emenda tal-Parti-66<sup>16</sup> li saret dan l-aħħar ma ġew inklużi l-ebda rabtiet mal-OSD. Għaldaqstant din l-Opinjoni tinkludi l-emendi proposti għal dawn ir-Regolamenti biex jiġu stabbiliti, imtejba jew elaborati r-rabtiet meħtieġa mal-OSD u biex jiġu inklużi d-dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni meħtieġa. Ovvjament dawn l-emendi għandhom x'jaqsmu biss mal-parti mandatorja tal-OSD, peress li r-rabta mal-parti mhux mandatorja tal-OSD ser tiġi stabbilita fl-AMCs maħruġa mill-Aġenzija.

#### C. Miżuri ta' tranżizzjoni u *grandfathering*

21. Jenħtieġu miżuri ta' tranżizzjoni u *grandfathering* biex issir implimentazzjoni bla xkiel tar-regoli l-ġodda. L-intenzjoni hija li jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-industrija l-awtoritajiet, u li jintlaħaq l-għan li ma jitħarbtux l-operazzjonijiet għaddejjin.
22. *Grandfathering għad-detenturi tat-TCs*: Kull rapport tal-OEB tal-EASA u l-JOEB huma *grandfathered* b'mod awtomatiku għall-kontenut illi jikkorrispondi mal-OSD kif meħtieġ u/jew permiss mill-Parti-21.
23. *Grandfathering għall-operaturi/l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ*: Il-korsijiet ta' taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip, il-kwalifiki tas-simulatur u l-MEL eżistenti li huma aċċettati jew approvati fuq livell nazzjonali huma *grandfathered*.

Meta tiġi stabbilita OSD (ġdida, *grandfathered* jew irkuprata) għat-tip, l-operaturi/organizzazzjonijiet tat-taħriġ ikollhom perjodu minimu ta' sentejn wara l-approvazzjoni tal-OSD sabiex jadattaw il-korsijiet tat-taħriġ tagħhom għall-parti mandatorja tal-elementi tal-OSD. Fil-każ tal-iżvilupp ta' kors ta' taħriġ ġdid<sup>17</sup>, ikun mandatorju li tintuża l-OSD, meta din tkun disponibbli. Jekk din ma tkunx disponibbli, il-kors ta' taħriġ għandu jkun stabbilit permezz tar-regoli fil-Parti-FCL, Parti-OPS jew il-Parti-66 rispettivament.

<sup>14</sup> Regolament ġdid li qiegħed fil-proċess li jiġi adottat mill-KE.

<sup>15</sup> Regolament ġdid li qiegħed fil-proċess li jiġi adottat mill-KE.

<sup>16</sup> Inkluża fir-Regolament (UE) 1149/2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2003.

<sup>17</sup> Ġdid għall-operatur/l-organizzazzjoni tat-taħriġ.

Il-perjodu massimu biex l-MEL tiġi adattata għal dispożizzjonijiet aktar stretti huwa 90 ġurnata; dan iż-żmien standard huwa diġà applikabbli fir-regoli eżistenti. F'każ illi MMEL li tkun ġiet approvata mill-EASA ma tkunx teżisti, l-MEL (ġdida jew mibdula) tista' tkompli tiġi bbażata fuq l-MMEL kif aċċettat mill-awtorità kompetenti tal-operatur.

Il-kwalifiki eżistenti tas-simulaturi mhumiex affettwati mill-istabbiliment tal-OSD.

24. *Irkupru għad-detenturi tat-TC*: L-irkupru huwa proċess li bih tista' tiġi stabbilita OSD approvata għal tip ta' inġenju tal-ajru li jkun diġà ġie ċertifikat. Il-proċess ta' rkupru huwa proċess ta' rfinar żgħir apparagun mal-approvazzjoni inizjali tal-OSD għal tip ġdid.

L-applikazzjoni għall-irkupru hija mandatorja għal mudelli ta' inġenji tal-ajru li jkollhom jiġu prodotti u li jkunu qed jiġu kunsinjati lill-operaturi tal-UE<sup>18</sup>. L-iskadenza hija li tinkiseb l-approvazzjoni fi żmien sentejn wara l-emenda għall-Parti 21. L-irkupru mhumiex meħtieġ għas-sillabu minimu tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' persunal għaċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni u d-dejta sors tal-validazzjoni tal-inġenju tal-ajru biex tiġi appoġġjata l-kwalifikazzjoni tas-simulaturi, iżda dan jista' jsir b'mod volontarju. Meta mudell jerġa' jibda jiġi prodott wara perjodu ta' inattività, l-OSD għandha tiġi approvata qabel ma l-inġenju tal-ajru jibda jintuża minn operatur tal-UE.

L-irkupru huwa volontarju għal mudelli oħra li ma jkollhomx jiġu prodotti u għall-elementi li mhumiex meħtieġa.

25. *Ċertifikazzjonijiet li għaddejjin*: Tipi, varjanti jew STCs ta' inġenji tal-ajru, li ċ-ċertifikazzjoni tagħhom għadda għaddejja fid-data tal-emenda għall-Parti-21, ma jistgħux jibbenefikaw mill-*grandfathering* minħabba n-nuqqas ta' ċertifikat/dokument formali li għandu jiġi *grandfathered*. Għalhekk l-applikanti rilevanti ser ikollhom bżonn jestendu l-applikazzjoni tat-TC tagħhom għall-EASA sabiex jinkludu l-OSD. Madankollu jekk dak l-applikant kien diġà applika għal valutazzjoni tal-OEB, ix-xogħol li diġà sar taħt il-proċess tal-OEB, matul it-tranżizzjoni lejn il-proċess tal-OSD, jiġi aċċettat mingħajr l-ebda verifika ulterjuri. L-applikant ta' ċertifikazzjoni tat-tip li għaddej jista' jiddeċiedi li jestendi l-applikazzjoni tiegħu ħalli tinkludi l-OSD immedjatament wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendat. Fi kwalunkwe każ, l-approvazzjoni tal-OSD għandha tinkiseb fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tar-regola l-ġdida jew qabel ma jibda jintuża l-inġenju tal-ajru minn operatur tal-UE jekk dan ikun wara dak il-qafas ta' żmien ta' sentejn.

26. *Approvazzjonijiet ta' Organizzazzjoni tad-Disinn (DOA)*: Meta ċertifikat tat-tip jinkludi dejta tal-adeqwatezza operattiva permezz ta' *grandfathering* jew irkupru, id-detentur tat-TC għandu jkiseb approvazzjoni għal estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-DOA tiegħu jew proċeduri alternattivi għad-DOA kif ikun applikabbli biex jinkludi aspetti tal-adeqwatezza operattiva fi żmien sentejn wara l-applikabbiltà tar-regola.

Applikanti tat-TC ġodda li għandhom jinkludu OSD fl-applikazzjoni tagħhom, għandhom jiksibu estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-DOA tagħhom jew proċeduri alternattivi għad-DOA, qabel ma tiġi approvata l-OSD.

27. *Tranżizzjoni għall-bidliet u l-STCs*. Kif indikat hawn fuq, l-implimentazzjoni tar-rekwiżit li jiġu vvalutati l-bidliet tad-disinn tat-tip kollha għall-impatt tagħhom fuq l-OSD ġie pospost għal tliet snin oħra wara li jidhul fis-seħħ ir-Regolament ta' emenda. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ser ikun hemm il-possibbiltà li ssir applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-bidliet fl-OSD fuq bażi volontarja.

#### IV. Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju

28. L-għan ta' din il-Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju huwa li tanalizza l-aktar impatti importanti li jirriżultaw mir-regola kif proposta f'din l-Opinjoni u mqassra fit-taqsimi III ta' hawn fuq.

<sup>18</sup> Dan ifisser li meta l-produzzjoni tkun waqfet u mbaġħad reġgħet bdiet f'data aktar tard, ikun hemm bżonn ta' OSD.

## Setturi Affettwati

29. Is-setturi tal-komunità tal-avjazzjoni ċivili fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Aġenzija li ser ikunu affettwati huma dawn:
- Il-Persunal ikkwalifikat tal-UE: bdoti, ekwipaġġ tal-kabina u persunal għaċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni;
  - L-applikanti u d-detenturi tat-TC tal-inġenji tal-ajru (kemm tal-UE kif ukoll dawk li mhumiex tal-UE);
  - L-applikanti tal-STC (kemm tal-UE kif ukoll li mhumiex tal-UE);
  - L-Operaturi tal-UE u s-sidien ta' inġenji tal-ajru;
  - Organizzazzjonijiet tat-taħriġ (kemm tal-UE kif ukoll li mhumiex tal-UE);
  - L-operaturi u l-manifatturi tas-simulaturi (kemm tal-UE kif ukoll li mhumiex tal-UE);
  - L-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati (kemm tal-UE kif ukoll li mhumiex tal-UE);
  - L-Awtoritajiet Kompetenti (EASA u l-NAAs).

## Impatti

### Impatt fuq is-sigurtà

30. F'dan l-aħħar għaxar snin kien hemm għadd ta' inċidenti u aċċidenti li l-fattur kawżali jew kontributorju nstab li kien nuqqas fit-taħriġ tal-ekwipaġġ jew fl-MMEL. Bħala riżultat, l-bordijiet nazzjonali għall-investigazzjoni tal-aċċidenti rispettivi ressqu rakkomandazzjonijiet lill-Aġenzija għal titjib fir-regoli li jirrigwardaw it-taħriġ u l-MMEL. Billi tingħalaq il-lakuna bejn iċ-ċertifikazzjoni, l-operazzjonijiet u l-proċessi ta' manutenzjoni, il-kunċett tal-OSD mistenni jagħti kontribut fl-ittrattar ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà.
31. L-aktar rakkomandazzjonijiet riċenti u sinifikanti dwar is-sigurtà huma msemmija hawn taħt.
- 1 ta' Lulju 2009, titjira 447 tal-Air France, A330, Oċean Atlantiku*  
Rakkomandazzjoni: 'Il-BEA tirrakkomanda li l-EASA tirrivedi l-kontenut tal-programmi ta' taħriġ u verifika u tagħmel mandatorju, b'mod partikolari, it-twaqqif ta' eżerċizzji regolari u speċifiċi li huma ddedikati għall-kontroll b'mod manwali ta' inġenji tal-ajru f'avviċinament għal waqfien u rkupru minn waqfa, inkluż f'altitudni għolja.'
  - 25 ta' Frar 2009, titjira 1951 tat-Turkish Airlines, Ajruport ta' Amsterdam Schiphol*  
Rakkomandazzjoni: 'Id-DGCA, l-ICAO, l-FAA u l-EASA għandhom jibdli r-regolamenti tagħhom b'tali mod li l-linji tal-ajru u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għat-titjir jaraw li l-programmi ta' taħriġ rikorrenti tagħhom jinkludu prattika fuq l-irkupru minn sitwazzjonijiet ta' waqfien matul l-avviċinament.'
  - 27 ta' Novembru 2008, XL Airways, A320, Perpignan*  
Rakkomandazzjoni: 'Il-BEA tirrakkomanda li l-EASA, b'kooperazzjoni mal-manifatturi, ittejjeb l-eżerċizzji u t-tekniki relatati mal-avviċinament għal waqfa biex jiġi żgurat il-kontroll tal-ajruplan fl-assi tal-piċċ.'
  - 20 ta' Awwissu 2008, titjira 5022 tal-iSpanair, MD-82, Ajruport ta' Madrid-Barajas*  
Rakkomandazzjoni: 'Huwa rakkomandat li l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA) timmodifika l-oġġett 30.8 tal-Lista Definitiva ta' Tagħmir Minimu (MMEL), għas-serje ta' ajruplani tal-Boeing DC-9, MD-80, MD-90 u B-717 biex tikkunsidra l-possibbiltà li ma tħallix jitleq ajruplan li jkollu ħsara li tinvolvi tisħin fis-sonda tal-RAT meta jkun għadu fuq l-art, u jekk dan jitħalla jitleq, għandha tiġi inkluża referenza ċara għall-istruzzjonijiet ta' manutenzjoni (M) u operazzjoni (O),

kif ukoll għal oġġetti oħra fil-Lista Definitiva ta' Tagħmir Minimu (MMEL) li jistgħu jkunu relatati mal-ħsara msemmija.'

Rakkomandazzjoni: 'Huwa rakkomandat li l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA) tistabbilixxi rekwiżiti għas-simulaturi tat-titjir biex b'hekk tippermetti li t-taħriġ f'simulatur ikopri waqfiet sostnuti matul it-tluġ li jirriproduċu sitwazzjonijiet li jistgħu jaqbżu l-limiti tal-pakkett ta' titjira.'

- e. 9 ta' Lulju 2006, titjira 778 tal-S7 Airlines, A310, Ajruport ta' Irkutsk

Rakkomandazzjoni: 'Huwa rakkomandat lill-EASA u lil awtoritajiet ta' Ċertifikazzjoni oħra, flimkien mal-manifatturi ta' inġenji tal-ajru tat-trasport kbar: sabiex jirriveđu l-problemi marbuta mal-fatturi umani li huma assoċjati mal-kundizzjonijiet ta' tluq u l-proċeduri operazzjonali f'każ ta' invertitur tal-ispinta li ma jkunx jaħdem, biex tiġi evitata applikazzjoni ta' spinta 'l quddiem involontarja.'

- f. 21 ta' Settembru 2005, Robinson R22 F-GRIB

Rakkomandazzjoni: 'L-EASA għandha tagħmilha mandatorja għal bdoti biex jieħdu taħriġ fil-karatteristiċi speċifiċi tal-R22 Mariner meta dan ikun mgħammar b'attrezzatura għall-inżul li żżomm f'wiċċ l-ilma.'

32. Il-ħtieġa li tingħalaq il-lakuna bejn iċ-ċertifikazzjoni, l-operazzjonijiet u l-proċessi ta' manutenzjoni ntweriet ukoll fl-istudji fl-Ewropa u fil-Istati Uniti li ġejjin:

- a. 'Studju dwar il-Proċess ta' Ċertifikazzjoni tal-Ajruplani Kummerċjali, Evalwazzjoni ta' Ċertifikazzjoni, Operazzjonijiet u Proċess ta' Manutenzjoni ta' Inġenji tal-Ajru Magħżula, FAA, Marzu 2002.' Is-sejbiet u l-osservazzjonijiet tas-CPS magħmula mill-FAA fl-2001 jirrigwardaw problemi ta' relazzjoni bejn il-proċessi ta' ċertifikazzjoni, manutenzjoni u operazzjoni.
- b. 'Rapport mit-Tim tal-Fatturi Umani tal-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni Federali dwar ir-Relazzjonijiet bejn l-Ekwipaġġi tat-Titjira u s-Sistemi Moderni għall-Gverta tat-Titjira, 18 ta' Ġunju 1996<sup>19</sup>. Ir-rapport tat-Tim tal-Fatturi Umani tal-FAA tal-1996 identifika wkoll problemi fil-proċess tal-STC (e.ż. mhux bilfors jieħu konjizzjoni tal-filosofija tad-disinn tal-gverta tat-tijira, jew tas-suppożizzjonijiet operattivi użati.)
- c. It-Tim tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni Kummerċjali (CAST) dwar ir-Rapport mit-Tim ta' Implimentazzjoni tas-Sigurtà Konġunta dwar it-Telf ta' Kontroll, 15 ta' Frar 2003<sup>20</sup> jinkludi rakkomandazzjoni dwar is-sigurtà li għandha x'taqsam mal-proċessi affidabbli għandhom jiġu żviluppati biex jiġi żgurat li l-persunal responsabbli mill-manutenzjoni u l-operazzjoni tat-titjira jkun konxju u jinkludi informazzjoni essenzjali dwar l-operazzjoni fi żmien qasir'.

33. Bl-introduzzjoni ta' regoli dwar it-taħriġ tat-tip għall-persunal u l-MMEL fil-forma ta' OSD li jkunu l-minimu mandatorju għall-operaturi u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ kollha, appoġġjati minn attivitajiet ta' standardizzazzjoni, mistenni li l-korsijiet ta' taħriġ u l-MEL kollha jiġu approvati billi jintuża l-istess standard.

34. Ir-responsabbiltajiet ser ikunu definiti b'mod aktar ċar, u b'hekk ma jkun hemm l-ebda nuqqas fir-responsabbiltajiet relatati mas-sillabu minimu tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip u l-MEL:

- a. Ir-responsabbiltà mill-istabbiliment tal-OSD inizjali bl-elementi kollha neċessarji ser taqa' taħt id-detentur tat-TC tal-inġenju tal-ajru. L-Aġenzija tqis li d-detentur tat-TC qiegħed fl-aħjar pożizzjoni biex jiżviluppa dawn l-elementi peress li għandu l-informazzjoni ta' sfond kollha meħtieġa u disponibbli mid-disinn u l-eżerċizzju ta' ajrunavigabbiltà. Pereżempju, biex tiżviluppa MMEL sigura, jenħtieġ ikollok għarfien

<sup>19</sup> [https://www.faa.gov/aircraft/air\\_cert/design\\_approvals/csta/publications/media/fltcrewsfltdeck.pdf](https://www.faa.gov/aircraft/air_cert/design_approvals/csta/publications/media/fltcrewsfltdeck.pdf).

<sup>20</sup> [http://www.cast-safety.org/pdf/jsit\\_loss%20-control.pdf](http://www.cast-safety.org/pdf/jsit_loss%20-control.pdf).

dwar l-analiżi tas-sigurtà tas-sistemi tal-inġenju tal-ajru. Għalhekk il-konferma tar-responsabbiltà tad-detentur tat-TC mill-elementi tal-OSD mistennija wkoll tħalli impatt pożittiv fuq is-sigurtà.

- b. Fl-istess ħin, il-fatt li l-Aġenzija tingħadd b'responsabbli mill-approvazzjoni tas-sillabi minimi u l-MMEL ser jippermetti l-involvement tal-għarfien espert li ntuża wkoll biex issir l-approvazzjoni tal-ajrunavigabbiltà tad-disinn.
- c. Ser ikun hemm approċċ proattiv għall-aspetti tas-sigurtà tat-taħriġ tat-tip u l-MMEL permezz tal-introduzzjoni tal-kunċett ta' 'adegwatezza operattiva kontinwa': L-oriġinatur tal-OSD ser ikun responsabbli mill-validità kontinwa tal-element(i) tal-OSD approvat(i). Jidher ċar li din l-entità responsabbli ser ikollha tissorvelja l-esperjenza billi tuża l-elementi approvati u ser ikollha bżonn tirreaġixxi f'każ ta' okkorrenzi relatati mas-sigurtà. Fl-aġħar każ, meta jkun hemm tħassib immedjat dwar is-sigurtà, l-Aġenzija tista' toħroġ Direttiva dwar l-Ajrunavigabbiltà sabiex tikkoreġi n-nuqqasijiet fl-OSD li jkun jenħtieġ jiġu implimentati fil-livell tal-operaturi. Fl-aħħar nett, ir-regola ser timponi wkoll fuq il-partijiet terzi li jagħmlu bidliet fid-disinn (Ċertifikati tat-Tip Supplimentari - STC), il-ħtieġa li jikkunsidraw l-effetti li tħalli dik il-bidla fid-disinn fuq l-OSD, u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi emendi fl-elementi tal-OSD.

35. B'mod ġenerali l-OSD ser tiżgura li jkun hemm standard uniformi għoli għat-taħriġ tal-ekwipaġġ u l-MMEL kif ukoll tiċċara r-responsabbiltajiet għal dawn il-proċessi. Dan mistenni jgħib benefiċċju importanti għas-sigurtà u jikkontribwixxi għal livell uniformi għoli ta' sigurtà.

#### Impatt ekonomiku fuq l-industrija

L-introduzzjoni tal-OSD mistennija toħloq spejjeż addizzjonali għall-applikanti u d-detenturi tat-TC u l-STC. Dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu ttrasferiti parzjalment jew kompletament lill-konsumaturi fil-prezz tal-prodott jew fid-dejta tagħhom.

Madankollu dan mhux ser jaffettwa l-ispejjeż globali tal-industrija. L-ispejjeż għall-applikanti/id-detenturi tat-TC u l-STC jistgħu jinqasmu fi tliet partijiet:

- l-ispejjeż fuq l-iżvilupp tal-OSD flimkien maċ-ċertifikazzjoni;
- l-ispejjeż biex l-OSD tinżamm aġġornata; u
- l-ispejjeż fuq l-estensjoni tal-approvazzjonijiet tal-organizzazzjoni tad-disinn (DOA) tagħhom.

L-ispejjeż fuq l-iżvilupp u ċ-ċertifikazzjoni tal-OSD jistgħu jerġgħu jinqasmu fl-ispejjeż għall-applikazzjonijiet ġodda u l-ispejjeż għall-irkupru mandatorju. Għall-oġġetti ta' spiża kollha, għandu jitqies li l-proċess ta' OEB volontarju fil-preżent ġie diġà implimentat mid-detenturi tal-STC u t-TC l-aktar milquta. Għaldaqstant l-analiżi tal-impatti tal-ispejjeż ser ikollha bżonn tħares lejn l-ispejjeż *addizzjonali* maħluqa mill-proposta tal-OSD f'din l-Opinjoni apparagun mal-proċess tal-OEB eżistenti.

36. Mistenni jkun hemm effetti marbuta mal-ispejjeż limitati għall-utenti tal-OSD (jiġifieri l-operaturi u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ). Dawn minflok jużaw dejta mir-rapporti tal-OEB, minn sorsi oħra jew minn dejta awto-ġenerata, ser jużaw l-OSD. Filfatt id-disponibbiltà tal-OSD tista' tħalli impatt pożittiv fuqhom. Għall-iżvilupp ta' korsijiet ta' taħriġ u MEL ġodda, jistgħu jużaw l-OSD bħala bażi u b'hekk inaqqsu l-ispejjeż marbuta mal-iżvilupp. Ser ikun hemm spejjeż addizzjonali biex il-korsijiet ta' taħriġ u l-MEL eżistenti jiġu emendati ħalli jiġu konformi mal-OSD. Madankollu l-perjodu ta' tranżizzjoni għal dan huwa 4 snin, u għaldaqstant l-aspettattiva hija li dan l-aġġornament ser jikkoinċidi maċ-ċiklu ta' aġġornament naturali tad-dejta.

Sabiex tingħata indikazzjoni tal-kobor tal-impatti marbuta mal-ispejjeż mistennija, it-taqsimiet segwenti jħarsu f'aktar dettall lejn il-punti ewlenin kif ġew identifikati hawn fuq.

Spejjeż marbuta mal-iżvilupp u ċ-ċertifikazzjoni tal-OSD għall-applikazzjonijiet tat-TC il-ġodda

37. *Ajruplani kbar u inġenji tal-ajru kbar u kumplessi li jaħdmu bir-rotors* Illum il-ġurnata l-prattika hi li l-applikazzjonijiet kollha għal TC tal-EASA għal ajruplan kbir jew inġenju tal-ajru kbir u kumpless li jaħdem bir-rotors japplikaw ukoll fuq bażi volontarja għal evalwazzjoni tal-OEB. Dawn il-valutazzjonijiet tal-OEB ġeneralment<sup>21</sup> jinkludu s-sillabu għat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' bdot, għat-taħriġ tal-ekwipaġġ tat-titjira, id-dejta tas-simulatur u l-MMEL. Għalhekk l-ispejjeż addizzjonali meta jiġi introdott il-kunċett mandatorju tal-OSD ser jiġu limitati għas-sillabu għat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' persunal għaċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni u għal dejta ta' tip speċifiku għat-taħriġ tal-ekwipaġġ tal-kabina, f'għadd ta' każi ta' ajruplani kbar fejn it-taħriġ tal-ekwipaġġ tal-kabina ma kienx parti mill-valutazzjoni tal-OEB. Ħafna mill-inġenji tal-ajru kbar u kumplessi li jaħdmu bir-rotors għandhom konfigurazzjoni massima tal-passiġġieri ta' anqas minn 20 u għaldaqstant l-ekwipaġġ tal-kabina mhuwiex meħtieġ u m'hemm l-ebda bżonn li tiġi żviluppata d-dejta tat-taħriġ.
38. *Inġenji tal-ajru kbar u mhux kumplessi li jaħdmu bir-rotors* Bħalissa l-biċċa l-kbira tal-applikanti għal TC tal-EASA għal inġenju tal-ajru kbir u mhux kumpless li jaħdem bir-rotors, japplikaw fuq bażi volontarja għal valutazzjonijiet tal-OEB tas-sillabu għal taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' bdot. Meta l-OSD tiġi implimentata, dawn ser ikollhom ukoll japplikaw għall-approvazzjoni tal-MMEL. Minħabba l-kumplessità tal-biċċa l-kbira tal-inġenji tal-ajru kbar u mhux kumplessi li jaħdmu bir-rotors, mhijiex soluzzjoni Prattika li tiġi stabbilita MMEL ġenerika li tintuża minn kulħadd. Madankollu l-ħelikopters mhux kumplessi qegħdin fi klassifikazzjoni ta' grupp li għandha x'taqsam mal-persunal għaċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni u għaldaqstant m'hemm l-ebda ħtieġa li jiġi żviluppata sillabu għat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip. L-inġenji tal-ajru kbar u mhux kumplessi li jaħdmu bir-rotors ikollkom massimu ta' 9 passiġġieri u ma jeħtieġu l-ebda ekwipaġġ tal-kabina. Għaldaqstant l-ispiża addizzjonali għall-applikazzjonijiet il-ġodda ser tiġi limitata għall-ispejjeż il-ġodda fuq l-iżvilupp u ċ-ċertifikazzjoni ta' MMEL.
39. *Inġenji tal-ajru mhux kumplessi oħra (ajruplani żgħar, Ajruplani Ħfief Ħafna, Ajruplani tal-Isport Ħfief, Gliders u Blalen tal-Arja)*. Bl-eċċezzjoni tal-ajruplani żgħar ta' prestazzjoni għolja (HP), illum il-ġurnata l-ebda wieħed mill-inġenji tal-ajru li jagħmlu parti minn din il-kategorija ma jgħaddi minn valutazzjoni tal-OEB. Għall-ajruplani żgħar ta' HP, l-OEB hija limitata għat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' bdot. Meta tiġi implimentata l-OSD l-unika element li jenħtieġ jiġi stabbilit flimkien ma' dak li jsir illum huwa l-MMEL. Għal din il-kategorija ta' inġenji tal-ajru, l-MMEL tista' tiġi bbażata fuq MMEL ġenerika żviluppata mill-Aġenzija. Għaldaqstant l-applikant tat-TC jeħtieġ li jagħmel sforz limitat ħafna.
40. Peress li m'hemm l-ebda eżempju tal-iżvilupp u taċ-ċertifikazzjoni tal-elementi tal-OSD, l-istimi għall-ispejjeż mistennija ser jiġu bbażati fuq l-esperjenza bl-implimentazzjoni tal-OEB. Ċerti manifatturi pprovdew dejta approssimattiva relatata mal-implimentazzjoni tal-OEB, li ġa ntużat fl-istima tal-ispejjeż għall-iżvilupp tal-OSD.
41. L-ispejjeż għall-approvazzjoni tal-OSD mill-Aġenzija huma ugwali għad-drittijiet u l-ħlasijiet għall-attività. F'konformità mar-Regolament dwar id-drittijiet u l-ħlasijiet<sup>22</sup>, l-Aġenzija ser titlob rata fis-siegħa għall-approvazzjoni tal-OSD.
42. Sabiex tiġi żviluppata stima tal-ispejjeż, ġew stmati (ara Tabella 1) in-numru ta' sigħat tax-xogħol meħtieġa għall-iżvilupp u ċ-ċertifikazzjoni tal-elementi tal-OSD ewlenin, li huma t-Taħriġ tal-Klassifikazzjoni tat-Tip ta' Ekwipaġġ tat-Titjira (OSD-FC), it-Taħriġ tal-

<sup>21</sup> Huma ftit dawk l-inġenji tal-ajru li ma ġewx iddisinjati fil-punent u li ma għaddewx minn valutazzjoni sħiħa tal-OEB, iżda f'dawk il-każi, l-awtoritajiet tal-avjazzjoni nazzjonali jwettqu l-valutazzjonijiet meħtieġa. L-effett fuq l-ispejjeż totali għall-industrija huwa marġinali.

<sup>22</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 593/200 tal-31 ta' Mejju 2007 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 3). Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1356/2008 tat-23 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 46).

Klassifikazzjoni tat-Tip tal-Persunal għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Manutenzjoni (OSD-M), id-Dejta ta' Tip Speċifiku għall-Ekwipaġġ tal-Kabina (OSD-CC) u l-Lista Definitiva tat-Tagħmir Minimu (MMEL).

**Tabella 1: Żvilupp u ċertifikazzjoni tal-OSD - stimi tas-sigħat ta' xogħol skont il-kategorija ta' inġenju tal-ajru għal kull applikazzjoni ta' TC ġdida**

Kategorija ta' Inġenju tal-Ajru	Taħriġ tal-Klassifikazzjoni tat-Tip tal-Ekwipaġġ tat-Titjira	Taħriġ tal-Klassifikazzjoni tat-Tip ta' Persunal għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Manutenzjoni		Dejta ta' Tip Speċifiku għall-Ekwipaġġ tal-Kabina		Lista Definitiva ta' Tagħmir Minimu	
		(hrs)	Żvilupp (sigħat)	Ċertifikazzjoni (sigħat)	Żvilupp (sigħat)	Ċertifikazzjoni (sigħat)	Żvilupp (sigħat)
Ajruplani kbar <sup>1</sup>	-	3 200	1 050	2 000	750	-	-
Ajruplani żgħir u kumplessi <sup>2</sup>	-	1 200	600	n/a	n/a	1 600	900
Inġenji tal-ajru kbar li jaħdmu bir-rotors	-	1 600	800	n/a	n/a	-	-
Inġenji tal-ajru li jaħdmu bir-rotors mhux kumplessi	-	n/a	n/a	n/a	n/a	800	400
Oħrajn mhux kumplessi	-	n/a	n/a	n/a	n/a	8	4

**Noti:**

1 MTOW aktar minn 5.7t

2 MTOW anqas min 5.7t żewġ magni jew turbina waħda jew bi prestazzjoni għolja

-: Dan l-element diġà huwa parti mill-evalwazzjonijiet tal-OEB attwali

n/a: Mhux applikabbli peress li l-element tal-OSD ġeneralment mhuwiex meħtieġ għal dawn il-kategoriji ta' inġenji tal-ajru

43. Abbażi ta' din id-dejta u ta' dawn is-suppożizzjonijiet fuq ir-rata fis-siegħa għall-industrija u l-Aġenzija, l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni u tal-iżvilupp għal kull tip huma stmati u inklużi fit-Tabella 2 hawn taħt.
44. L-ispejjeż totali ta' kull sena għall-iżvilupp u ċ-ċertifikazzjoni tal-OSD għal applikanti tat-TC il-ġodda jiġu derivati billi jingħaddu s-suppożizzjonijiet man-numru ta' TCs li jistgħu jkunu mistennija kull sena. Dawn is-suppożizzjonijiet huma bbażati fuq ċifri medji mill-imgħoddi. L-ispejjeż fuq l-elementi fl-approvazzjoni tal-OSD li jingħaddu fuq talba tal-applikant tat-TC mhumiex inklużi. Għaldaqstant l-ispejjeż totali ta' kull sena inklużi l-iżvilupp u l-approvazzjoni għall-industrija huma stmati li jammontaw għal madwar EUR 2.6 miljuni.

**Tabella 2: Stima tal-ispejjeż marbuta mal-iżvilupp u ċ-ċertifikazzjoni tal-OSD għall-applikazzjonijiet tat-TC ġodda**

Kategorija ta' Inġenju tal-Ajru	Nru. Ta' Ċertifikati tat-Tip kull Sena	Spejjeż għal kull Tip ta' Ċertifikat (€)	Spejjeż Annwali (€)
Ajruplani kbar	1.5	952 000	1 428 000
Ajruplani żgħar u kumplessi	1	640 000	640 000
Inġenji tal-ajru kbar li jaħdmu bir-rotors	1	352 000	352 000
Inġenji tal-ajru li jaħdmu bir-rotors mhux kumplessi	1	176 000	176 000
Oħrajn mhux kumplessi	14	1 760	24 640
<b>Total</b>			<b>2 620 640</b>

Spejjeż marbuta mal-iżvilupp u ċ-ċertifikazzjoni tal-OSD għall-irkupru

45. *Ajruplani li jaħdmu bil-magna u inġenji tal-ajru kbar li jaħdmu bir-rotors* L-isforz għall-irkupru huwa meħtieġ għal mudelli ta' inġenji tal-ajru li għadhom qegħdin jiġu żviluppanti u li ser ikunu limitati għat-Taħriġ tal-Klassifikazzjoni tat-Tip ta' Ekwipaġġ tat-Titjira, id-Dejta ta' Tip Speċifiku għall-Ekwipaġġ tal-Kabina u l-MMEL. L-ispejjeż fuq l-iżvilupp huma minimi peress li l-bażi għall-irkupru tista' tikkonsisti f'kors ta' taħriġ approvat għal operatur partikolari u MMEL approvata minn NAA waħda. Id-detentur tat-TC jeħtieġ biss jirreferi l-Aġenzija lill-wieħed minn dawn l-elementi approvati. L-isforz tal-Aġenzija huwa stmat f'28 siegħa xogħol għal kull tip ta' element differenti. Għall-industrija wieħed għandu jassumi 8 sigħat. B'mod ġenerali, din hija stmata li tirriżulta fi spiża ta' EUR 7 500 għal kull ċertifikat ta' rkupru. Wieħed jassumi li l-proċess ta' rkupru ser jitlesta fi żmien sentejn.
46. Abbażi tas-suppożizzjonijiet għan-numru ta' ċertifikazzjonijiet ta' rkupru, it-Tabella 3 hawn taħt tipprovdi stima globali tal-ispejjeż ta' madwar EUR 700.000.
47. *Ajruplani bil-eċċezzjoni ta' dawk b'magni kumplessi u l-blalen tal-arja* L-isforz ta' rkupru huwa meħtieġ għall-mudelli ta' inġenju tal-ajru li għadhom qegħdin jiġu prodotti. Madankollu l-uniku element applikabbli hija l-MMEL. Għal dawn il-kategoriji ta' inġenji tal-ajru ser ikun MMEL ġenerika maħruġa mill-Aġenzija li tista' tintuża kif inhi bil-possibbiltà li jiġu inklużi oġġetti addizzjonali fuq bażi volontarja. Għalhekk l-ispejjeż fuq l-iżvilupp kif ukoll fuq l-approvazzjoni huma neglijabbli.



**Tabella 3: Stima tal-ispejjeż għal ċertifikazzjonijiet ta' rkupru tal-OSD (spejjeż mhux rikorrenti)<sup>23</sup>**

Kategorija ta' Inġenju tal-Ajru	Spiża għal kull unità ta' ċertifikazzjoni ta' rkupru (€)	Klassifikazzjoni tat-Tip tal-Ekwipaġġ tat-Titjira		Dejta ta' Tip Speċifiku għall-Ekwipaġġ tal-Kabina		Lista Definittiva ta' Tagħmir Minimu		Spiża totali (€)
		Nru. ta' ċertifikazzjonijiet ta' rkupru	Spiża totali ta' rkupru ta' FCTRT (€)	Nru. ta' ċertifikazzjonijiet ta' rkupru	Spiża totali ta' rkupru ta' TSD CC (€)	Nru. ta' ċertifikazzjonijiet ta' rkupru	Spiża totali ta' rkupru ta' MMEL (€)	
Ajruplani kbar and Ajruplani żgħar u kumplessi	7 520	38	285 760	11	82 720	29	218 080	586 560
Inġenju tal-ajru li jaħdem bir-rotors	7 520	10	75 200	n/a	n/a	10	75 200	150 400
<i>Total</i>			360 960		82 720		283 280	736 960

Spejjeż marbuta mal-iżvilupp u ċ-ċertifikazzjoni tal-OSD għal detenturi/applikanti tal-STC

48. M'hemm l-ebda rkupru mandatorju għall-STCs eżistenti u b'hekk id-detenturi tal-STCs mhumiex affettwati. Dawk li qegħdin jiddisinjaw STCs ġodda jistgħu jkunu affettwati wara l-perjodu ta' tranżizzjoni addizzjonali ta' tliet snin, jekk l-STC tħalli impatt fuq l-OSD eżistenti.
49. L-applikanti tal-STC il-ġodda għandhom jivvalutaw l-effetti possibbli tal-STC fuq l-elementi tal-OSD. Jekk ikun hemm effett biss, dawn għandhom jiżviluppaw supplimenti neċessarji għall-elementi approvati tal-OSD bħala parti mill-STC. L-ispejjeż ser ikunu jikkonsistu fl-ispiża fuq l-iżvilupp tas-suppliment għall-OSD, il-validità kontinwa ta' dawk l-elementi u d-drittijiet u l-ħlasijiet għall-approvazzjoni tal-Aġenzija. Dawn l-ispejjeż kollha ser ikunu frazzjoni proporzjonata mill-ispejjeż assoċjati mal-OSD inizjali u ser ikunu proporzjonati għall-firxa tal-STC u tal-effetti tiegħu fuq it-taħriġ u l-MMEL. Kif indikat hawn fuq, ir-rekwiżit għall-valutazzjoni tal-bidliet kollha u tal-STC għall-impatt tagħhom fuq l-OSD ġie pospost bi tliet snin biex jippermetti l-iżvilupp ulterjuri tal-AMC u l-GM. Dan iż-żmien ser jintuża wkoll biex jiġi vvalutat l-impatt preċiż ta' dan ir-rekwiżit. Madankollu skont il-kalkoli ta' wieħed mill-manifatturi, 5% biss tal-bidliet kollha jistgħu jħallu impatt fuq l-OSD, u għaldaqstant l-ispejjeż addizzjonali ser ikunu relattivament limitati.

Spejjeż għaż-żamma tal-validità tal-elementi tal-OSD

50. Id-detentur tat-TC ser ikun meħtieġ jinvestiga u jsegwi l-okkorrenzi jekk dawn ikunu kkawżati minn nuqqasijiet possibbli fl-elementi tal-OSD. Fil-preżent id-detenturi tat-TC diġà għandhom l-istess responsabbiltà f'dak li jirrigwarda l-okkorrenzi kkawżati minn nuqqasijiet fid-disinn. Qabel ma tiġi analizzata okkorrenza, huwa diffiċli li wieħed jidentifika l-kawża prinċipali, u b'hekk is-sistema eżistenti li tintuża għar-rappurtar tal-okkorrenzi tista' tintuża wkoll biex tiffiltra dawk l-okkorrenzi li għandhom rabta mal-OSD. Meta l-ewwel analiżi tkun turi li l-kawża prinċipali tkun relatata mal-OSD, allura l-ispejjeż

<sup>23</sup> Din it-tabella ma tinkludix l-ajruplani mhux kumplessi peress li l-proċess għal dawn l-inġenji tal-ajru sejjer jikkonsisti biss f'konferma tal-applikabbiltà tal-MMEL ġenerika li hija żviluppata mill-Aġenzija.

għall-analiżi u l-iżvilupp ulterjuri tat-titjib tista' tiġi attribwita lill-ispejjeż tal-validità kontinwa tal-OSD. Abbażi tal-esperjenza bl-OEB, l-Aġenzija tistenna li l-għadd ta' każi fejn l-okkorrenzi jkunu relatati mal-OSD ikun relattivament limitat. Għaldaqstant l-ispejjeż addizzjonali huma stmata kif ġej:

**Tabella 4: Stima tal-ispejjeż għall-validità kontinwa tal-OSD<sup>24</sup>**

Kategorija ta' Inġenju tal-Ajru	Sigħat għal kull detentur ta' TC (A)	Rata ta' paga fis-siegħa (€) (B)	Numru ta' detenturi ta' TC (c)	Spiża totali (€) (AXBXC)
Ajruplani kbar	800	100	15	1 200 000
Ajruplani żgħar u kumplessi	400	100	9	360 000
Inġenji tal-ajru kbar li jaħdmu bir-rotors	600	100	6	360 000
Inġenji tal-ajru li jaħdmu bir-rotors mhux kumplessi	200	100	6	120 000
Oħrajn mhux kumplessi	0	100	0	0
<b>Total</b>			<b>36</b>	<b>2 040 000</b>

#### Spejjeż għall-estensjoni tad-DOA biex tinkludi l-OSD

51. Id-detentur tat-TC b'OSD ġdida jew irkuprata ser ikollu jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-DOA tiegħu ħalli din tinkludi l-OSD. Dan japplika għal organizzazzjonijiet li jippossiedu DOA u li għandhom *grandfathered OSD* jew ikunu meħtieġa jirkupraw u għal dawk li qegħdin japplikaw għal TC ġdid. Dan ifisser li dan japplika għal madwar 40 organizzazzjoni. L-ispejjeż addizzjonali biex tinkiseb l-approvazzjoni għall-estensjoni ta' DOA huma diffiċli jiġu stmata peress li jiddependu ħafna mil-livell tal-involvement preċedenti fl-attivitajiet tal-OEB. Ħafna mill-organizzazzjonijiet li jiddisinjaw inġenji tal-ajru kbar diġà għandhom fis-seħħ proċeduri biex ikunu jistgħu jiġu ttrattati l-biċċa l-kbira tal-elementi tal-OSD. Għal dawn l-organizzazzjonijiet din hija biss kwistjoni li jinkludu dawk l-attivitajiet fl-istruttura tad-DOA. Id-disinjaturi ta' inġenji tal-ajru li mhumiex kumplessi m'għandhomx bżonn ikollhom esperjenza bl-OEB, iżda l-estensjoni tad-DOA tagħhom għandha tindirizza biss l-MMEL, fid-dawl tal-fatt li l-Aġenzija ser tistabbilixxi MMELs ġeneriċi li jistgħu jintużaw minn dawk l-organizzazzjonijiet. Għaldaqstant għal dawn l-organizzazzjonijiet l-isforz ser ikun minimu.

Fl-aħħar nett, id-drittijiet u l-ħlasijiet għall-estensjonijiet tad-DOA ser jiġu koperti mid-dritt ta' sorveljanza tad-DOA eżistenti filwaqt li mhu sejjer jiġi impost l-ebda dritt u ħlas addizzjonali.

#### Spejjeż totali għall-industrija

52. L-ispejjeż totali għall-industrija jistgħu jinqasmu fi spiża ta' darba għall-irkupru u spiża medja annwali għall-OSDs ġodda, irkuprati u *grandfathered*. L-ispejjeż ta' rkupru mhux rikorrenti huma stmata madwar 740 000 euro (Ara Tabella 3).

<sup>24</sup> L-istimi għas-sigħat annwali relatati mal-OSD huma bbażati fuq is-suppożizzjoni konservattiva ta' 1 500 okkorrenza kull sena għal kull detentur ta' TC għal ajruplani kbar li 5% minnhom huma relatati mal-OSD. Għal kull okkorrenza b'kundizzjoni potenzjali mhux sigura wieħed għandu jassumi bħala medja 10-11-il siegħa xogħol.

L-ispejjeż rikorrenti medji ta' kull sena jlaħħqu madwar 4.6 miljuni ta' euro (Tabella 5). Iż-żewġ elementi ta' spiża huma spejjeż addizzjonali maħluqa mill-proposta tal-OSD li jmorru lil hinn minn dak illi qed jitwettaq fil-preżent.

**Tabella 5: Sommarju tal-ispejjeż stmati ta' kull sena għall-implimentazzjoni tal-OSD**

Kategorija ta' Inġenju tal-Ajru	Applikazzjonijiet TC ġodda (€)	Validità kontinwata (€)	Total (€)
Ajruplani kbar	1 428 000	1 200 000	2 628 000
Ajruplani żgħar u kumplessi	640 000	360 000	1 000 000
Inġenji tal-ajru kbar li jaħdmu bir-rotors	352 000	360 000	712 000
Inġenji tal-ajru li jaħdmu bir-rotors mhux kumplessi	176 000	120 000	296 000
Oħrajn mhux kumplessi	24 640	0	24 640
<b>Total</b>	<b>2 620 640</b>	<b>2 040 000</b>	<b>4 660 640</b>

#### Spejjeż għall-Aġenzija u l-NAAs

53. L-Aġenzija teħtieġ riżorsi addizzjonali għall-approvazzjoni tal-elementi tal-OSD matul il-proċess ta' ċertifikazzjoni tat-tip. Madankollu l-ħin kollu mqatta' mill-persuni ddedikati għall-approvazzjoni tal-OSD ser jiġi ddebitat lill-applikant b'rata għal kull siegħa. L-ispejjeż għas-sorveljanza tal-validità kontinwa tal-OSD ser jiġu koperti mid-dritt annwali għat-TCs. Għalhekk l-ispejjeż għall-Aġenzija ser ikunu ugwali għad-dħul addizzjonali permezz ta' drittijiet u ħlasijiet b'mod li jkun newtrali għall-baġit.
54. Il-korsijiet ta' taħriġ u l-MEL personalizzati ser ikomplu jiġu approvati mill-NAAs. Minflok tuża r-rapporti tal-OEB b'ħala referenza, l-OSD ser tipprovdi l-bażi għall-approvazzjoni. L-ammont ta' approvazzjonijiet u l-kontenut tax-xogħol mhux ser ikun affettwat mis-sistema tal-OSD. Għaldaqstant mhi mistennija l-ebda spiża addizzjonali għall-NAA.

#### Impatti oħra: Armonizzazzjoni mar-regolamenti tal-avjazzjoni li mhumiex tal-UE

55. F'kull sistema regolatorja magħrufa ssir valutazzjoni operattiva tat-tipi l-ġodda. Pereżempju fl-Istati Uniti din issir fil-Bord tal-Istandardizzazzjoni tat-Titjir (FSB) taħt is-supervizzjoni tal-FAA. Din il-valutazzjoni tal-FSB mhux ordnata direttament fir-regoli iżda hija implimentata permezz tal-politika. Ir-riżultati tal-FSB huma implimentati mill-FAA meta jiġu approvati l-korsijiet ta' taħriġ u l-MEL. Għaldaqstant l-OSD hija għodda differenti li tintuża biex jintlaħaq l-istess għan u ser tiġi implimentata b'kooperazzjoni mill-qrib mal-FAA.
56. L-applikanti tal-STC u t-TC li mhumiex tal-UE għandhom ukoll jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-OSD. Fil-preżent il-valutazzjoni tal-OEB ta' tipi ġodda ssir b'mod konġunt mal-valutazzjoni tal-FSB dwar l-FAA. Fl-aħħar kull waħda mill-awtoritajiet tagħmel is-sejbiet tagħha. L-Aġenzija għandha l-għan li tkompli bil-valutazzjonijiet konġunti wara l-implimentazzjoni tal-OSD. Għaldaqstant il-prassi eżistenti mhux ser tkun affettwata. Id-differenza ser tkun tinsab fil-bażi regolatorja differenti għall-valutazzjoni. L-arranġamenti bilaterali eżistenti ma' pajjiżi terzi ma jittrattawx l-OSD. Għaldaqstant l-Aġenzija ma tistax taċċetta mingħajr revizzjoni ulterjuri s-sejbiet li jsiru mill-awtorità ta' pajjiż terz dwar l-elementi tal-OSD. Madankollu dan fil-preżent diġà jgħodd għall-valutazzjonijiet tal-OEB ta' prodotti li mhumiex tal-UE. Il-kwistjoni jekk jenħtieġ li l-OSD tiġi inkluża fl-emendi futuri ta' arranġamenti bilaterali għadha qed tiġi investigata.

57. L-applikanti tal-UE li kisbu approvazzjoni għall-OSD mistennija jkollhom ċerti benefiċċji meta jiġu biex jesportaw il-prodotti jew l-STCs. Uħud mill-pajjiżi diġà jeħtieġu xi forma ta' dejta tal-adeqwatezza operattiva meta jimportaw inġenji tal-ajru ġodda. Mistenni li l-approvazzjonijiet lokali meħtieġa għal kull wieħed mill-elementi tal-OSD ser jiġu ffaċilitati mill-approvazzjoni tal-EASA.

### **Sommarju**

58. B'mod ġenerali, l-Aġenzija tqis li l-benefiċċju sinifikanti għas-sigurtà miksub mill-proposta tal-OSD li tindirizza għadd ta' rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà huwa akbar mill-ispejjeż maħluqa għall-industrija tal-avjazzjoni. L-ispejjeż għall-implimentazzjoni tal-OSD huma stmati għal madwar 4.6 miljuni euro kull sena flimkien mal-ispejjeż mhux rikorrenti għall-irkupru ta' 740 000 euro.

Cologne, 13 ta' Diċembru 2011

P. GOUDOU

Direttur Eżekuttiv